MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 220/2008

Kawza fil-lista: 41

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk :

1. Illi l-esponent u l-konvenuta zzewgu fil-21 ta' Ottubru, 2002 (vide certifikat taz-zwieg hawn anness bhala Dok. A) u miz-zwieg taghhom huma ma kellhomx ulied.

2. Illi meta zzewgu l-attur kellu 26 sena filwaqt li l-konvenuta kellha biss 18-il sena.

3. Illi l-partijiet ikkuntrattaw dan iz-zwieg bl-eskluzjoni ta’ elementi fundamentali taz-zwieg innifsu.

4. Illi wkoll bejn il-kontendenti qatt ma kien hemm ebda diskussjoni serja dwar dawk li huma d-dmijiet, id-drittijiet u r-responsabbiltajiet tal-hajja mizzewga u kien hemm ukoll divergenzi kbar dettati anke mill-fatt illi l-kontendenti ihaddnu religjonijiet differenti peress li filwaqt li l-attur huwa Musulman, il-konvenuta hija Kattolika.

5. Illi dawn id-divergenzi m’ humiex biss ta’ natura religjuza izda anke kulturali u tal-mod kif wiehed jara u jghix il-hajja.

6. Illi l-attur ma kienx jaf sewwa lill-konvenuta qabel iz-zwieg u kien biss wara z-zwieg illi beda jiskopri l-karattru vera taghha fejn wara z-zwieg ghamlet it-tattoos, bdiet tohrog wahedha ma’ kumpanija li lill-attur ma kienetx toghgbu u b’ mod generali tikkomporta ruhha b’ mod mhux denju ghall-mara mizzewga, fuq kollox ghall-mara mizzewga lil ragel Musulman illi jemmen bis-shih fir-religjon, l-uzanzi u l-kultura teighu.

7. Illi ghaldaqstant, iz-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fil-21 ta’ Ottubru, 2002 huwa wiehed null u bla ebda effett u dan ai termini tal-provvedimenti tal-artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta b’ mod generali u b’ mod partikulari ai termini tal-paragrafi (b) u/jew (c) u/ jew (d) u/jew (f) tal-imsemmi artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m’ ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fil-21 ta’ Ottubru, 2002 huwa wiehed null u bla ebda effett u dan ai termini tal-provvedimenti tal-artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta b’ mod generali u b’ mod partikulari ai termini tal-paragrafi (b) u/jew (c) u/ jew

(d) u/jew (f) tal-imsemmi artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Konsegwentement tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv tal-kontendenti.

Il-konvenuta hija minn issa stess ingunta ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuta, debitament ingunta, ghazlet li tibqa’ kontumaci ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat ;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fil-21 ta’ Ottubru 2002 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f], u dak ta’ l-attur fit-termini tal-paragrafu [c] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Il-Fatti**
Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu ; u mill-provi jirrizulta pacifiku li l-partijiet izzewwgu fil-21 ta’ Ottubru 2002, meta allura l-attur, cittadin Libjan kellu 26 sena, u l-konvenuta, cittadina maltija, kellha 18-il sena, u wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xuxlin circa sentejn. Wara konvivenza matrimonjali ta sentejn il-partijiet isseparaw de facto.

Jirrizulta li wara z-zwieg il-partijiet bdew jesperjenzjaw problemi fir-relazzjoni taghhom, partikolarment fir-relazzjonijiet intimi ta’ bejniethom. Beda jirrizulta li l-konvenuta ma kienitx komda matul l-att taz-zwieg, u eventwalment bdiet tkun riluttanti. Konsegwentement hi bdiet tabbuza mid-droga, u eventwalment, wara ftit zmien wara z-zwieg, inbidlet kompletament, meta l-attur skopra li

martu kienet lesbjana. Dan gab ukoll tibdil fil-mod kif kienet tipprezenta ruhha l-konvenuta. Dan il-fatt, u n-nuqqas ta' intimita' li twassal ghall-integrazzjoni ta' koppja mizzewwga, kienet iddejjaq hafna lill-attur.

Minn naha taghha l-konvenuta tammetti dawn il-fatti, u tghid li hi skopriet li kellha din il-gibda qawwija lejn in-nisa, wara z-zwieg, u ghalhekk kienet bdiet tkun riluttanti li taghmel l-att taz-zwieg, u bdiet tifrekwenta kumpanija ta' nies bl-istess orjentament bhal taghha. Tghid li fiz-zwieg: "ipprovajt [biex ihossni komda ma' zewgi] izda ma rnexxilix." Dan wassal ghat-terminiazzjoni tal-konvivenza matrimonjali wara kwazi sentejn miz-zwieg.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi mill-kwadru premess, tal-fatti sodisfacentement provati, il-Qorti f' dan il-kaz tirravviza fil-konfront tal-konvenuta l-ezistenza tal-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, stante li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, il-konvenuta kienet inkapaci li tassumi l-obbligi essenzjali tal-hajja konjugali u tistabbilixxi "a community of love and life" ma' l-attur, allura zewgha.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-21 ta' Ottubru 2002.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------